Kitba ta'
Joseph R. Gatt

# Il-Pittura tal-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' Bormla
## It-Tielet Parti

Wara li fil-ħarġiet ta' dan il-programm tal-festi tas-snin 2004 u 2005 ktibt dwar il-pittura tas-saqaf u tal-koppli ta' din il-knisja, issa huwa xieraq li naraw dawk li nsibu fuq l-artali u xi oħrajn magħhom.

### San Mark

Meta wieħed jidħol fil-knisja u jiġbed għan-naħa tax-xellug isib l-ewwel artal dedikat lil San Mark l-Evanġelista, bi kwadru sabiħ li ħareġ mill-pinzell tal-pittur Rokku Buhagiar (1725c-1805). Il-pittura turina lil San Mark bilqiegħda fuq blata b'ħarstu mdawra 'l fuq lejn is-simboli tal-Qalb ta' Ġesù (qalb imdawra bix-xewk) xi puttini. Lil San Mark narawh iżomm il-ktieb ta' l-Evanġelju miftuħ quddiemu taħt idu x-xellugija u bl-oħra merfugħa kemm kemm 'il fuq b'pinna tar-rix lest biex jikteb fl-evanġelju tiegħu kull ma jiftakar li għamel u qal il-Mulej. Kwadru sabiħ, speċjament l-espressjoni ta' wiċċu, il-ħarsa ta' għajnejh u l-mod kif hu mitluq bilqiegħda. Buhagiar għandu erba' xogħlijiet oħra fil-kappelluni l-kbar tal-ġnub, imma nitkellmu dwarhom aktar 'il quddiem. Hawn biss ngħidu li meta Rokku kiber u naqqas mix-xogħol, irtira u mar jgħix mal-Patrijiet Tereżjani fil-



Il-pittura ta' l-artal ta' San Mark

kunvent tagħhom f'Bormla. Miet hemm fl-10 ta' Lulju 1805 u ġie midfun fil-kannierja tal-knisja tal-patrijiet u oħrajn, fosthom l-Inkwiżitur Ġenerali u Delegat Appostoliku ta' Malta Carlo Cavalletti (1649-1652) bin Agostino, li miet fis-16 ta' Mejju 1652, kif ukoll l-iskultur Vincenzo Dimech (1768-1831) bin l-iskultur Francesco u Sinpherosa Pace, li miet fit-2 ta' Frar 1831.

Fil-mensola ta' l-artal għandna l-ewwel korpsant, dak ta' Santa Klara f'qagħda mimduda; wieħed mit-tliet korpisanti li nsibu f'din il-knisja li nġiebu minn xi katakombi ta' Ruma madwar is-sena 1830.

## San Mikiel

Mill-artal ta' San Mark ngħaddu għat-tieni wieħed, dak dedikat lil San Mikiel Arkanġlu, bi kwadru antik li ftit li xejn nafu dwar il-pittura tiegħu u meta sar sewwa. San Mikiel jidher bis-sejf merfugħ 'il fuq f'idu l-leminija jrażżan lid-dimonju taħt irkobbtejh, li l-espressjoni ta' wiċċu tixhed it-telfa kollha tiegħu. Mill-viżta pastorali ta' l-Isqof Paolo Alpheran de Bussan (1728-1757) tas-sena 1745 nafu li qabel dan il-kwadru kien hemm ieħor wisq differenti għax il-kwadru li jissemma fil-viżta pastorali ta' l-Isqof Giacomo Canavas (1713-1721) tas-sena 1715, jidhru l-Madonna bil-Bambin, San Mikiel u San Ġlormu.



Il-pittura ta' l-artal ta' San Mikiel

Sabiħ hu l-kwadru tal-Madonna tas-Saħħa li hemm mal-pilastru ta' bejn dawn iż-żewġ artali; kwadru antik u devot, magħluq f'niċċa u mżejjen b'xogħol tal-fidda maħdum fl-għoxrinijiet tas-seklu l-ieħor fuq disinn ta' Abram Gatt (1863-1944). Dan it-tiżjin kien mogħti minn benefattur b'radd ta' ħajr għall-grazzja kbira li kien qala' bl-interċessjoni tal-Madonna tas-Saħħa.

## Il-Kappellun tal-Kurċifiss

Issa nidħlu f'dan il-kappellun imdaqqas u sabiħ li mad-dawra tiegħu għandna l-erbatax-il kwadru tal-*Via Sagra* (tat-Triq tas-Salib) attribwiti lil Francesco Zahra (1710-1773) u l-pittura ta' Ġużeppi Calì fil-koppla. Hi ħasra kbira li wara l-istudju xjentifiku li kien sar fl-2002 mis-Sinjorina Taljana Roberta De Angelis dwar ir-restawr tal-pittura għadhom ma nstabux il-fondi meħtieġa għar-restawr. Nittama li jinġabru l-fondi, biex 'il quddiem isir ir-restawr wisq meħtieġ u mixtieq, ħalli nerġgħu naraw il-ġmiel li kien ħareġ minn idejn dan l-artist kbir Malti aktar minn mitt sena ilu, u fuq kollox il-pittura ma tintilefx.

F'dan il-kappellun insibu tliet artali, imma fuq l-artal prinċipali ma nsibux kwadru, iżda Kurċifiss kbir u antik ta' l-injam magħluq f'niċċa kbira; Kurċifiss li dari kellu devozzjoni kbira ħafna lejh. Biss biss ngħidu li kull nhar ta' Ġimgħa kienu jsiru devozzjonijiet lejn il-Passjoni ta' Kristu. Dan kien mogħti lill-prokuratur tal-kumpanija ta' l-Agunizzanti tal-knisja ta' Bormla fl-1671 (?) wara li kien inġieb Malta mingħand id-Dumnikani tal-belt ta'

Kandja (fi Kreta) wara l-waqgħa tagħha f'idejn il-Musulmani Torok fl-1669. Patri Molina O.P. kien fada lil Gian Angelo Balzano (wieħed baħri tal-kontingent Malti li l-Gran Mastru Nicolò Cottoner (1663-1680) kien bagħat jgħin fl-Assedju ta' Kandja) biex iġib il-Kurċifiss Malta u jwasslu għand min qallu. Mis-*Suppliche* fl-Arkivju tal-Kurja, Floriana, nafu li l-prokuratur tal-Venerabbli Kumpanija ta' l-Agonizzanti kien talab lill-Vigarju Ġenerali ta' Malta (*sede vacante*), il-Kanonku Dekan, Dun Ġjananton Cauchi, biex iħallih jaċċetta l-Kurċifiss u jqiegħdu fil-kappella ta' Santu Rokku (il-kappellun tal-Kurċifiss kien għadu ma nbeniex). Il-Vigarju Ġenerali laqa' t-talba li saritlu u l-Kurċifiss tqiegħed fil-knisja. Imma hawn ta' min jgħid li kien inqala' ħafna inkwiet dwar min



Waħda mill-Via Sagra li qiegħda fil-kappella tal-Kurċifiss




Il-Kurċifiss storiku ta' Kandja

kellu jżommu – jekk hux il-Patrijiet Dumnikani jew il-knisja ta' Bormla. Dan il-Kurċifiss kien wassal ukoll biex fl-aħħar snin tas-seklu 17 jibda jinbena dan il-kappellun u jitqiegħed fih. Il-Patri Molina li kien fada l-Kurċifiss sostna li Balzano ma żammx kelmet il-patri. Meta l-Predikatur Ġenerali Protonotarju Appostoliku P. Gicaomo (Ġakbu) Bizzula O.P. tal-kunvent tal-Belt sar jaf b'dan, appella mid-deċiżjoni tal-Vigarju Ġenerali. Il-każ kien spiċċa quddiem it-Tribunal tas-Sagra Rota, Ruma. Dan, wara li sema' ż-żewġ naħat, f'Mejju 1672 qatagħha li *l-Patri Molina bħala raliġjuż qatt ma kellu s-setgħa li jiddisponi mill-Kurċifiss bla permess tas-superjuri tiegħu u l-Kurċifiss kellu jitqiegħed fil-knisja tad-Dumnikani*

Il-pittura ta' San Vinċenz de Paul li kienet fuq l-artal tal-Kurċifiss





Marija Addolorata meqjuma fuq l-artal tal-Kurċifiss

*ta' Malta, sakemm is-Superjuri ma jordnawx xort'oħra.* Id-Dumnikani ddiskutew din id-deċiżjoni u qablu li billi diġà kellhom Kurċifiss devot ħafna, sabiħ u maħdum fl-injam fl-1615 fil-knisja tagħhom ta' Porto Salvu, il-Kurċifiss ta' Kandja jagħtuh lil Bormla. (Mhux il-każ li nkomplu nitkellmu aktar fit-tul dwar dan f'din il-kitba.)

Naħseb li huwa xieraq ħafna li terġa' titqajjem id-devozzjoni li kellu dan il-Kurċifiss aktar u aktar meta l-Konċilju Vatikan II irrikkmanda ħafna d-devozzjoni lejn Ġesù Kurċifiss, il-Feddej tagħna.

Fuq l-iskannell, magħluqa f'niċċa ta' rħam b'disinn sabiħ u mżejna b'girlanda tal-ganutell, hemm mezzo-bust qadim ta' l-injam ta' Marija Addolorata mlibbsa l-iswed skond l-istil Spanjol. Din kienet għal bosta snin imwarrba fl-Oratorju, imma ġiet restawrata, imlibbsa mill-ġdid u tpoġġiet hemm madwar is-sena 1994 flok il-pittura ta' San Vinċenz de Paule li llum insibuha fis-sagristija ma' diversi kwadri oħra. Tajjeb li ngħidu li mill-

Viżta Pastorali ta' l-Isqof Alpheran ta' l-1745 nafu li fuq dan l-artal kien ra r-relikwija tal-Veru Linju (Vero Legno).

## Sant'Andrija

L-artal tax-xellug huwa dedikat lil Sant'Andrija Appostlu li l-kwadru qadim tiegħu nfuh lill-pittur Emanuele Perreira Portughese. Lestieh fl-aħħar snin tas-seklu 17. Sant'Andrija jidher nofsu għeri b'idejh madwar is-salib li fuqu tawh il-martirju. Fil-parti ftit imdallma ta' isfel tax-xellug naraw dgħajsa u xi ħutiet biex ifakkruna li Sant'Andrija kien sajjied. Imbagħad, fil-pjan ta' fuq għandna mpittra t-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù fuq l-għolja tat-Tabor; ir-Raba' Misteru tad-Dawl. Fin-niċċa ta' fuq l-iskannell ta' l-artal naraw il-mudell ta' waħda mill-vari tal-Ġimgħa l-Kbira; l-istatwa ta' *Ecce Homo* (Kristu inkurunat bix-xewk), xogħol l-iskultur P.P. Azzopardi (1791-1875).



Il-pittura ta' l-artal ta' Sant'Andrija



Il-pittura ta' l-artal ta' l-Erwieħ

## Qalb ta' Ġesù

Quddiem dan l-artal, hemm dak tal-Qalb ta' Ġesù li ħa post il-kwadru ta' San Leonardu. L-artal għadu magħruf minn xi wħud b'ta' San Leonardu, għax qabel kien dedikat lis-SSma. Trinità, il-Madonna u San Leonardu. Fil-kwadru tal-lum, minn barra l-Qalb ta' Ġesù naraw is-simbolu tal-Fidi, il-Madonna, lil San Ġużepp, kif ukoll il-Missier Etern, l-Ispirtu s-Santu f'simbolu ta' ħamiema, l-erwieħ tal-Purgatorju, anġlu u żewġ reliġjużi (devoti tal-qalb ta' Ġesù) u puttini. Huwa xogħol ta' Ġużeppi Calì u t-tifel tiegħu Ramiro (1881-1945). Fil-pjan ta' isfel fuq ix-xellug il-kwadru jġib il-firma G. + R. Calì u s-sena 1925.

Il-kwadru żgħir ta' fuq l-iskannell jirrappreżenta lill-Madonna taċ-Ċintura bil-Bambin, Santa Monika u l-Isqof San Leonardu b'anġlu żgħir fejn riġlu bis-simboli tal-qaddis, il-mitra u l-baklu u qaddisin oħra.

## Il-Kappellun tal-Pentekoste

Niġu issa għall-kappellun tal-Pentekoste (Spirtu s-Santu), magħruf ukoll bħala ta' San Ġużepp għax fih hemm l-istatwa u kwadru żgħir ta' dan il-qaddis. Il-kwadru tal-Pentekoste hu kbir, sabiħ u qadim. Imma ma nafux xogħol min hu. Fih naraw l-Appostli madwar il-Madonna miġburin flimkien jitolbu, b'ħarsithom 'il fuq bl-ilsna tan-nar neżlin fuqhom mill-Ispirtu s-Santu simbolizzat f'ħamiema bajda; (it-Tielet Misteru tal-Glorja). Imbagħad fuq l-artal għandna pittura ovali sabiħa magħluqa fi gwarniċ tal-fidda. Din turina lil San Ġużepp bil-Bambin u bil-ġilju f'idu; xogħol impitter minn G. Calì. Taħtu, naraw *Bambin tal-Milied* magħluq f'niċċa bi gwarniċ tal-fidda, waqt li fil-għoli tal-prospettiva hemm oval żgħir li jiffigura lill-Missier Etern.

Fuq kull ġenb ta' l-artal insibu kwadru, kollha xogħol il-pittur Rokku Buhagiar. Tlestew fl-1770. Dak ta' fuq in-niċċa ta'



*Il-pittura ta' l-artal tal-Pentekoste*



*Pittura ta' fejn kien hemm l-artal tal-Grazzja*

San Ġużepp jirrappreżenta l-Patroċinju ta' San Ġużepp bħala l-patrun ta' l-Agonizzanti. San Ġużepp jidher qed jirrikmanda lill-Madonna bil-Bambin, moribond u oħrajn. Naraw ukoll qaddisin u persunaġġi oħra. Il-kwadru l-ieħor jirrappreżenta t-tħabbira li l-Arkanġlu Gabriel (b'ġilju abjad, simbolu tas-safa f'idu x-xellugija) għamel lil Sidtna Marija li kellha tkun Omm Alla, (l-Ewwel Misteru tal-Ferħ tar-Ružarju). Naraw ukoll anġlu ieħor b'idejh miġburin flimkien jagħti qima lil Marija f'dak il-waqt qaddis. Il-missier etern u xi puttini jimlew il-parti ta' fuq tal-kwadru.

## Il-Kappella ta' l-Immakulata Kunċizzjoni

L-artal dedikat lill-Madonna tal-Grazzja (Grazzji) li kellha din il-kappella kien tneħħa għal kollox meta floku bdiet titħaffer fil-blat in-niċċa għall-vara ta' l-Immakulata

Kunċizzjoni. Il-kwadru titulari tiegħu attribwit lill-iskola tal-pittur Franċiż Antoine de Favray (1706-1798) tneħħa wkoll u tqiegħed fis-sagristija mal-kwadri l-oħra. F'dan il-kwadru naraw il-Madonna bil-Bambin flimkien ma' Sant'Antnin ta' Padova u Santa Luċija u xi erwieħ tal-Purgatorju. Kwadru sabiħ. Il-prospettiva ta' l-irħam bid-dekorazzjoni tagħha baqgħet iżżomm postha kif ukoll il-kwadru żgħir ta' l-Isqof San Nikola li hemm fl-għoli tagħha. Kif diġà rajna aktar 'il quddiem (fit-tieni parti) il-koppletta saritilha l-pittura u wara li tlesta x-xogħol kollu l-kappella ġiet inawgurata għall-festa ta' l-1983. Il-vara daħħluha fin-niċċa l-ġdida għall-ewwel darba wara l-istess festa. Din il-kappella malajr bdiet tissejjaħ *il-kappella ta' Marija Immakulata Kunċizzjoni.*

Minħabba nuqqas ta' spazju nieqfu hawn. Inkomplu darb'oħra meta nżuru l-bqija ta' l-artali.

**Noti:**

1. Il-Bibljografija tidher fl-aħħar parti tal-kitba.
2. Tajjeb li ngħidu li mill-pittura tal-koppletta ta' San Mark li semmejna s-sena l-oħra u li kien hemm il-ħsieb li titpoġġa għall-festa 2005, f'Ġunju 2006 tqiegħdu l-erba' lunetti. Dawn juru l-erba' Evanġelisti, San Mark, San Ġwann, San Luqa u San Mattew, xogħol il-pittur Pawlu Camilleri Cauchi (t.1941- ). Nittamaw li 'l quddiem naraw il-bqija tal-pittura tal-koppletta.
3. Ippruvajt inkun preċiż kemm nista'. Jekk hemm xi nuqqasijiet napprezza ħafna kull korrezzjoni li jista' jkun hemm biex nikkoreġihom.



*Il-koppletta tal-kappella tal-Madonna tal-Grazzja fejn illum tinsab in-niċċa tal-vara tal-Kunċizzjoni, xogħol Pawlu Camilleri Cauchi. Din il-pittura tirrappreżenta l-leġġenda tal-marżappa.*